Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,644, 24 ta' Lulju, 1998
Taqsima B

A.L. 180 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Social Work - P.G. Dip. S.W.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-Regolamenti li ġejjin magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Social Work - P.G. Dip. S.W. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Social Work - P.G. Dip. S.W. - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1998 jew wara.

Emenda għar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, *Management* u *Accountancy;*

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Postgraduate Diploma; u

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Social Work - P.G. Dip. S.W."

Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok is-sotto-paragrafi (ċ) u (d) tal-paragrafu (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) grad ta' Bachelor of Arts (Honours) fis-Soċjoloġija (jew l-Istudji Soċjali) bil-Psikoloġija bħala qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju matul l-Ewwel Parti tal-kors; jew

(d) grad ta' Bachelor of Arts (Honours) fis-Social Administration; u

(e) jissodisfaw il-Bord tal-Valutazzjoni maħtur għal dan il-għan li għandhom il-kwalitajiet meħtieġa għall-ħidma soċjali."

5. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament bil-Psikoloġija bħala qasam ta' studju sekondarju jew li għandhom grad ta' Bachelor of Arts (Honours) fis-Social Administration għandhom ikunu meħtieġa jtemmu b'suċċess iż-żewġ taqsimiet studju li ġejjin, jew oħrajn li l-Bord jikkonsidra bħala ekwivalenti:

Counselling I & II *jew* Helping Skills I & II; u
Psikopatoloġija I."

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-Kors għandu jestendi fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* (li jinkludu wkoll ix-xhur tas-sajf ta' bejniethom)."

Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti f'dan li ġej:

(a) taqsimiet studju, li għalihom huma assenjati mhux inqas minn tnax-il kredtu;

(b) tliet pjazzamenti prattiċi, li għalihom huma assenjati mhux inqas minn għaxar kredti;

(ċ) proġett jew esej twil, li għalih huwa assenjat mhux inqas minn erba' kredti; u

(d) eżami finali ta' żewġ karti."

8. Il-paragrafu (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar u l-paragrafi (3) sa (7) innumerati mill-ġdid (2) sa (6).

9. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-ewwel pjazzament prattiku normalment għandu jsir matul l-ewwel semestru. It-tieni pjazzament prattiku normalment għandu jsir matul it-tieni semestru. It-tielet pjazzament prattiku normalment għandu jsir l-aktar matul is-sajf."

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

10. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-eżami finali għandu normalment isir fl-aħħar tal-Kors. L-istudenti li jeħlu f'dan l-eżami għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju darba biss."

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

11. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) Il-Postgraduate Diploma għandha tingħata lil dawk l-istudenti li:

(a) jiksbu minimu ta' 26 kredtu, inkluż il-kredti għat-tliet pjazzamenti prattiċi u għall-proġett jew esej twil; u

(b) jgħaddu fl-eżami finali."

12. Il-paragrafu (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar u l-paragrafi (3) u (4) innumerati mill-ġdid (2) u (3).

13. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-klassifika finali għandha tkun ibbażata fuq il-piż kif ġej:

Il-kredti, li jinkludu dawk għall-Pjazzamenti Prattiċi, u għall-Proġett jew Esej Twil	60%
L-Eżami Finali	40%."